KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 19 ta' Mejju 2014
(OR. en)

9956/14

JAI 332
ENFOPOL 138
COTER 34

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | COREPER/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5643/5/14 |
| Suġġett: | Strateġija riveduta tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu |

1. Il-Kunsill qabel fis-6-7 ta' Ġunju 2013 dwar Konklużjonijiet li jappellaw għal aġġornament tal-Istrateġija għall-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu[1].

2. Sussegwentement, fil-15 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni għat-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti[2].

3. Id-delegazzjonijiet iddiskutew l-abbozz tal-Istrateġija Riveduta tal-UE fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu fis- 6 ta' Marzu, it-8 ta' April, it-13 ta' Mejju u fil-laqgħa konġunta tat-TWP/COTER fl-14 ta' Mejju, meta t-test kien sar qbil dwaru kif jinsab fl-Anness.

4. It-TWP kellu wkoll diversi dibattiti dwar kif għandha tiġi implimentata l-Istrateġija Riveduta attwali u qed jelabora l-linji gwida għal dak l-għan.

[1] dok. 9447/13 JAI 366 ENFOPOL 137 COTER 45
[2] dok. 5451/14 JAI 30 ENFOPOL 5 COTER 3

5. Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tal-Media Rivedut[3] tibqa' fis-seħħ, anki jekk żdiedu elementi ġodda permezz tal-Istrateġija riveduta attwali, b'mod partikolari rigward il-prevenzjoni.

6. F'dan il-kuntest, il-COREPER huwa mistiedna biex jaqbel mal-abbozz tal-Istrateġija Riveduta tal-UE msemmija hawn fuq u jippreżentaha lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

---

[3] dok. 5469/3/07 REV 3 ENFOPOL 8 COTER 3 CATS 23 COPS 22 EU RESTRICTED

**ANNESS**

**Abbozz tal-Istrateġija Riveduta tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu**

1. It-terroriżmu huwa theddida għall-Istati kollha u għal kulħadd. Huwa joħloq riskju serju għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u għall-ħajja taċ-ċittadini u r-residenti tagħha. L-UE hija determinata li tieħu azzjoni kontra t-terroriżmu fil-forom kollha tiegħu u kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

2. Biex insaħħu l-politiki għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu, fl-2005 ġew adottati strateġija u pjan ta' azzjoni. L-Istrateġija ġiet aġġornata f'Novembru 2008. Wara diskussjonijiet fil-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2013 dwar ir-reviżjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-terroriżmu, fis-6/7 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill qabel dwar konklużjonijiet li jappellaw għal aġġornament ta' din l-istrateġija. Sussegwentement, il-Kummissjoni bagħtet Komunikazzjoni fil-15 ta' Jannar 2014 dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni għat-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti, li l-kontenut tagħha ġie kkunsidrat f'dan id-dokument.

3. Din l-istrateġija tiddeskrivi kif l-Unjoni u l-Istati Membri ser jiġġieldu kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu fid-dawl tan-natura dejjem tinbidel tat-theddida u fehim akbar tagħna tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu matul l-aħħar ħames snin.

4. Hija parti minn Strateġija tal-EU Kontra t-Terroriżmu u ta' Pjan ta' Azzjoni aktar wiesgħin li l-Kunsill Ewropew approva fl-2005. Fi ħdan dak il-qafas għandha l-għan li taffronta r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu.

**L-isfida**

5. L-għan ewlieni tal-istrateġija għandu jkun li tipprevjeni lin-nies milli jsiru radikalizzati, li jiġu radikalizzati u li jiġu rreklutati għat-terroriżmu u li tipprevjeni ġenerazzjoni ġdida ta' terroristi milli tqum.

6. Biex jagħmlu dan b'mod effettiv, irridu nirrikonoxxu li l-mezzi u x-xejriet tar-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu huma f'evoluzzjoni kostanti. Terroristi li trawmu f'pajjiżhom, individwi li jappoġġaw l-ideoloġija estremista marbuta mat-terroriżmu, atturi solitarji, ġellieda barranin u kwalunkwe forma oħra ta' terroriżmu, kif ukoll il-mobilizzazzjoni u l-potenzjal tal-komunikazzjoni tal-Internet u l-mezzi tal-informazzjoni soċjali jippreżentaw kanali possibbli li permezz tagħhom jistgħu jseħħu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

7. Għalhekk hemm ħtieġa għal konsiderazzjoni mill-ġdid b'mod konsistenti tal-prijoritajiet tagħna u l-iżgurar li l-approċċ tagħna ta' sigurtà jistgħu jindirizzaw forom emerġenti ta' theddid.

8. Għalkemm ir-responsabbiltà għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu primarjament tinsab f'idejn l-Istati Membri, din l-Istrateġija għandha tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw, fejn rilevanti, il-programmi u l-politiki tagħhom stess, li jqisu l-ħtiġijiet, l-objettivi u l-kapaċitajiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. Minkejja n-natura nazzjonali speċifika tat-theddida li joħolqur-radikalizzazzjoni u l-isfond tar-reklutaġġ, l-isforzi tal-UE jistgħumadankollu jagħtu aktar valur lill-isforzi nazzjonali u lokali u jipprovdu qafas importanti għall-kooperazzjoni dwar reazzjonijiet xierqa li jiġu instigati madwar l-UE u għall-kondiviżjoni ta' prattiki tajba dwar modi biex jirreaġixxu b'mod effettiv għar-radikalizzazzjoni kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew kif ukoll dak internazzjonali.

9. L-esperjenzi ta' dawn l-aħħar snin urew li biex jiġu miġġielda r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu b'mod effettiv jeħtieġ li jkun hemm approċċ bilanċjat bejn il-miżuri marbuta mas-sigurtà u l-isforzi biex jittrattaw dawk il-fatturi li jistgħu joħolqu ambjent li jwassal għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

**Il-punti ta’ tluq tagħna**

10. Kollox ma’ kollox, l-isfida tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu mhix ser tingħeleb mill-gvernijiet billi jaħdmu waħidhom, iżda permezz tal-kollaborazzjoni mal-komunitajiet, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u mas-settur privat. Dan jirrikjedi sforz konġunt fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u dak internazzjonali.

11. Ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħna huwa wieħed mill-pedamenti għall-ħidma tagħna kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu. L-azzjonijiet kollha għandhom jittieħdu b’rispett sħiħ għal dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. L-enfasi għandha tkun fuq l-iżvilupp ta’ djalogu sabiex jiġu promossi s-sensibilizzazzjoni u l-fehim reċiproku. L-istigmatizzazzjoni ta’ kwalunkwe grupp ta’ nies partikolari għandha tiġi evitata.

12. Punti oħra ta’ tluq jinkludu ftuħ u trasparenza, effettività, flessibbiltà u kollaborazzjoni nazzjonali internazzjonali kontinwa.

13. Matul dan kollu aħna ser niżguraw f’kull ħin li r-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-liġi internazzjonali u l-istat tad-dritt ma jiddgħajfux.

**Ir-rispons tagħna**

14. Biex niġġieldu kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' terroristi, għandna nirrikorru fost l-oħrajn għal:

- Il-promozzjoni tas-sigurtà, il-ġustizzja, u opportunitajiet indaqs għal kulħadd
- Jiġi żgurat li l-vuċijiet tal-opinjoni ġenerali jieħdu prijorità fuq dawk tal-estremiżmu
- Tisħiħ tal-komunikazzjoni tal-gvernijiet
- Appoġġ għall-messaġġi kontra t-terroriżmu
- Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu online
- Taħriġ, bini tal-kapaċitajiet u involviment tal-prattikanti ewlenin fis-setturi rilevanti kollha
- Appoġġ lil individwi u lis-soċjetà ċivili biex jibnu reżiljenza
- Appoġġ għal inizjattivi ta' diżinvolviment
- Appoġġ għal aktar riċerka dwar ix-xejriet u l-isfidi tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu
- Allinjament ta' ħidma interna u esterna kontra r-radikalizzazzjoni

**Promozzjoni tas-sigurtà, il-ġustizzja, u opportunitajiet indaqs għal kulħadd**

15. Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jista' jagħti lok għal ilmenti u l-kondizzjonijiet stess li jwasslu għat-tixrid tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

16. Fatturi li jistgħu jwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu jistgħu jinkludu perċezzjonijiet ta' natura diversa, fosthom l-inugwaljanza, l-emarġinazzjoni, l-esklużjoni soċjali, u aċċess diffiċli għal edukazzjoni ta' kwalità. Dawk il-fatturi mhux neċessarjament iwasslu għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu waħedhom, iżda jistgħu jagħmlu aktar attraenti n-narrattiva estremista li tappoġġa jew li hija marbuta mat-terroriżmu.

17. Għandna, fost l-oħrajn, niffukaw fuq il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fejn jeżistu, il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, it-tisħiħ tal-edukazzjoni li twassal għal opportunitajiet u ħsieb kritiku, u l-promozzjoni tat-tolleranza u r-rispett reċiproku, l-iskambju ta' fehmiet u l-komunikazzjoni tas-suċċess f'dawn l-oqsma lis-soċjetà ċivili. Din il-ħidma hija sinifikanti u ta' valur fiha nnifisha, u ma teħtieġx fokus esklużiv u espliċitu kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu.

18. 'Il barra mill-Ewropa, aħna rridu nkomplu nippromwovu i-governanza tajba, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà, u l-istabbiltà permezz ta' djalogi politiċi u permezz tal-programmi ta' assistenza tagħna.

**Jiġi żgurat li l-vuċijiet tal-opinjoni ġenerali jieħdu prijorità fuq dawk tal-estremiżmu**

19. Fehmiet estremisti tad-dinja jistgħu jwasslu lil ċerti individwi biex jaċċettaw u jippruvaw jiġġustifikaw il-vjolenza. Il-propaganda estremista telabora retorika sempliċistika, li tgħawweġ ir-realtà tal-konflitti madwar id-dinja u tużahom bħala evidenza allegata ta' konflitti bejn valuri u għażliet soċjali differenti.

20. Jeħtieġ li nżidu s-sensibilizzazzjoni u nenfasizzaw il-vuċi tal-maġġoranza li tiffavorixxi l-moderazzjoni u tiċħad l-użu tal-vjolenza. Mhux biss neħtieġu li nsaħħu l-vuċijiet moderati: jeħtieġ li niżguraw li dawn jinstemgħu. Dawk il-vuċijiet għandhom jiġu kkomunikati permezz ta’ pjattaforma xierqa, bħall-mezzi tal-informazzjoni tal-massa u dawk soċjali, li jridu jkunu kredibbli għall-udjenza fil-mira. L-involviment dirett tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni ta' rispons moderat għandu jiġi inkoraġġut u appoġġat. Fir-rigward tar-radikalizzazzjoni li twassal għal terroriżmu mqanqal mir-reliġjon, huwa meħtieġ djalogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u d-diversi gruppi soċjali, kulturali u reliġjużi kkonċernati jew il-mexxejja tagħhom.

21. Barra minn hekk, irridu nkomplu bl-isforzi tagħna biex niżviluppaw vokabolarju mhux emottiv fejn xieraq, sabiex niżguraw li l-messaġġi tagħna ma jaggravawx id-differenzi bi żball.

**<u>Tisħiħ tal-komunikazzjoni tal-gvernijiet</u>**

22. Il-komunikazzjoni tal-gvernijiet mhijiex biss mezz biex tiddeskrivi deċiżjonijiet ta' politika; hija wkoll għodda b'saħħitha biex tappoġġal-implimentazzjoni tal-politika. Jekk il-politiki ma jiġux ikkomunikati b’mod effettiv u effiċjenti, inkluż lil dawk li jistgħu jkunu vulnerabbli għal messaġġi ta' min jirradikalizza, nirriskjaw li nippermettu li l-fehmiet estremisti ma jiġux ikkontestati.

23. Jeħtieġ li nippromwovu l-iżvilupp ta’ metodi ta’ komunikazzjoni mfassla apposta li jisfidaw ideoloġija estremista li tappoġġa jew hija marbuta mat-terroriżmu online jew offline. Huwa importanti ħafna li nikkomunikaw b’lingwa adegwata għall-kuntest u l-udjenza, billi tintuża varjetà ta’ kanali ta’ twassil rilevanti u kredibbli, u li nisfidaw il-komunikazzjoni radikali jew estremista fuq il-pjattaformi li huma l-aktar użati minn dawk li huma l-aktar f’riskju li jiġu radikalizzati. Approċċ wieħed għal kulħadd rigward il-komunikazzjoni mhux ser jaħdem. Fl-istess ħin, madankollu, għandna niżguraw konsistenza, ċarezza u kontinwità fil-messaġġi tagħna fil-livelli kollha.

24. Huwa importanti li nikkomunikaw b’mod ċar dak li qed nappoġġaw, in-normi u l-valuri tagħna stess: id-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Għandna nfittxu wkoll li ntejbu l-komunikazzjoni tal-gvern dwar il-ħidma mwettqa, eż. l-għajnuna umanitarja u l-appoġġ għall-iżvilupp. Għandna nippruvaw nagħmlu tali komunikazzjoni rilevanti, attraenti u sinifikanti, speċjalment għal dawk li jħossuhom l-aktar ostili u emarġinati. Għandna wkoll inkunu ċari dwar il-politiki tagħna, l-istrateġiji tagħna u l-għanijiet tagħna, u mhux inqas f’termini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra r-radikalizzazzjoni.

25. L-użu tal-internet u l-medja soċjali huwa ta' importanza kritika, u mhux inqas biex jirrispondi fil-pront għar-retorika online li tappoġġa t-terroriżmu u biex tilħaq lil dawk l-aktar vulnerabbli għal messaġġi ta' radikalizzazzjoni. F’dan ir-rigward, għandha tiġi mħeġġa sħubija pubblika-privata biex tindirizza l-isfida tar-radikalizzazzjoni online.

**Appoġġ għall-messaġġi kontra t-terroriżmu**

26. Il-kontro-narrattivi għandhom għan doppju: li jikkonvinċu lil dawk li diġà huma impenjati fl-estremiżmu vjolenti biex jabbandunawh, u biex jipperswadi lil dawk li għandhom simpatiji man-narrattivi tat-terroristi biex ma jinvolvux ruħhom attivament fihom.

27. Għandna nappoġġaw u namplifikaw il-kontro-narrattivi li joħorġu minn dawk b’influwenza lokali, inklużi mexxejja tal-komunitajiet fejn dan il-kunċett japplika, għalliema, familji, ħaddiema li jaħdmu maż-żgħażagħ, persuni pubbliċi, ħassieba, studjużi, akkademiċi, mexxejja reliġjużi, negozjanti, personalitajiet tal-medja, kantanti, ċelebritajiet tal-isports u oħrajn li jmexxu jew li jifformaw l-opinjoni pubblika u li jistgħu jgħidu storja pożittiva u kredibbli. Għandna nniedu proġetti ma’ dawn l-atturi fil-livelli kollha u naħdmu biex niżguraw li dawn huma mogħtija s-setgħa u appoġġati b’mod xieraq.

28. Parti mill-ħidma l-aktar effettiva ta' kontro-narrattiva kienet involuta wkoll ma’ gruppi tal-vittmi tat-terroriżmu sabiex jinħoloq messaġġ ġenwinament b'saħħtu. Ħafna vittmi tat-terroriżmu diġà impenjaw ruħhom fi sforzi ta' prevenzjoni permezz ta' avvenimenti pubbliċi ta' komunikazzjoni; jeħtieġ li nkomplu nappoġġaw l-isforzi tagħhom. Bħala xhieda tal-konsegwenzi umani tal-attakki terroristiċi, il-vittmi u l-familji tagħhom qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex "ineħħu l-faxxinu" u "jiddeleġittimizzaw" in-narrattiva tat-terroristi**.**

29. F'dan ir-rigward,tista' tiġi esplorata xhieda kredibbli bħal dik mingħand dawk li kienu terroristi li abbandunaw it-triq tal-vjolenza, jew mill-membri tal-familja tagħhom. Għandna niġbru u nippromwovu x-xhieda tagħhom, billi din hija għodda b'saħħita kontra n-narrattivi u l-ideali perċepiti.

**<u>Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu online</u>**

30. L-internet u l-medja soċjali jistgħu jintużaw għat-tixrid ta' materjal ta' propaganda, ġbir ta' fondi, reklutaġġ u komunikazzjoni ma' individwi li jaħsbuha l-istess, iżda wkoll bħala kamp ta' taħriġ virtwali, kif ukoll mezz ta' skambju ta' ħiliet u kompetenzi. L-internet huwa wkoll entità transnazzjonali li qed jikser diversi ġurisdizzjonijiet nazzjonali.

31. Il-ħidma kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu online hija estensiva. Din tkopri attivitajiet immirati biex ifixklu l-użu tal-internet għal skopijiet ta' terroriżmu, iżda wkoll inizjattivi biex tiġi kkontestata n-narrattiva terroristika. Xi ftit minn din il-ħidma tista' ssir fil-livell nazzjonali jew dak Ewropew u xi ftit tista' ssir min-nies u organizzazzjonijiet fis-soċjetà ċivili, filwaqt li tiġi ffaċilitata fejn meħtieġ. Meta l-kontenut ikun illegali inkluż materjal imtella' f'pajjiżi terzi, għandu jkun hemm proċessi fis-seħħ biex il-kwistjoni tiġi indirizzata malajr u b'mod effettiv. Din il-ħidma ser teħtieġ djalogu effettiv mas-settur privat u b'mod partikolari mal-industrija tal-internet, mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll f'pajjiżi oħra. Għandhom isiru wkoll sforzi biex l-internet u l-medja soċjali jintużaw għall-promozzjoni ta' messaġġi kontra narrattiva. L-attivitajiet kollha għandhom isiru f'konformità mar-regoli tal-istat tad-dritt u b'rispett sħiħ lejn il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

32. Għandna nkomplu neżaminaw modi kif jiġu evitati b'mod attiv ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu permezz tal-internet u l-medja soċjali. Aħna ser nindirizzaw dawn il-kwistjonijiet bħala parti mid-Djalogi Politiċi u ser noffru appoġġ tekniku bil-għan li oħrajn barra mill-UE jkunu inkoraġġuti jagħmlu l-istess.

**Taħriġ u involviment tal-prattikanti ewlenin fis-setturi kollha**

33. Ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu huwa proċess li matulu l-opinjonijiet u/jew l-imġiba ta' individwu jinbdilu, ta' spiss b'mod drammatiku. Dawn il-bidliet jidhru l-aktar f'dawk li jkunu l-eqreb tal-persuna kkonċernata. Dan ifisser li, billi jiġu involuti prattikanti ewlenin, jista' jkun hemm opportunitajiet biex isiru interventi fl-istadji bikrin u biex jiġi evitat li individwi li jkunu f'riskju jidħlu f'attività relatata mat-terroriżmu.

34. Firxa wiesgħa ta' setturi jistgħu jgħinu biex jiġi evitat li persuni jappoġġaw it-terroriżmu jew jippromwovu ideoloġija estremista marbuta mat-terroriżmu jew li jsiru terroristi. It-taħriġ lill-għalliema, lill-ħaddiema soċjali u tal-kura tas-saħħa, lill-mexxejja reliġjużi, lill-uffiċjali tal-pulizija fil-komunità, u lill-persunal tal-ħabsijiet u tal-probation huwa element importanti ta' kull programm ta' suċċess fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni. Dawn il-prattikanti jew ħaddiema ewlenin jistgħu jkunu kapaċi jidentifikaw sinjali ta' radikalizzazzjoni fi stadju bikri, u għalhekk jeħtieġ li jkunu konxji minn sinjali ta' radikalizzazzjoni għat-terroriżmu u jifhmuhom.

35. Jeħtieġ ninkoraġġixxu l-iżvilupp ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni u moduli ta' taħriġ speċifiċi għas-settur għal prattikanti ewlenin biex jingħataw fehim aħjar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu, u ħiliet biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati; u biex jgħinuhom joffru appoġġ lil individwi li jkunu f'riskju jew biex jirreferuhom għand professjonisti speċjalizzati għal aktar għajnuna. Għandna niżguraw ukoll li nitgħallmu mill-esperjenza tagħhom biex ninfurmaw politika futura, inkluż permezz tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) u s-CEPOL.

**Appoġġ lil individwi u lis-soċjetà ċivili biex jibnu reżiljenza**

36. Il-gvernijiet jeħtieġu involviment attiv tas-sħab biex jiġġieldu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu. L-involviment tas-soċjetà ċivili u s-settur privat jistgħu jużaw firxa ta' għodod u riżorsi, kif ukoll għarfien fil-fond li mhux neċessarjament ikun disponibbli għall-gvernijiet. L-esperjenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) huwa forum partikolarment utli f'dan ir-rigward.

37. Il-ħidma mas-settur privat u s-soċjetà ċivili biex jissaħħu l-fiduċja u t-trasparenza ser tgħin biex l-individwi jkunu aktar reżiljenti għall-ideoloġija terroristika u inqas vulnerabbli għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu. L-involviment tal-komunità għandu jkun wiesa' u għandu jirrifletti d-diversità tal-komunità.

38. Għandna nagħtu s-setgħa lis-soċjetà ċivili biex tibni u tippromwovi reżiljenza biex tirreżisti u ma taqax għall-attrazzjoni tat-terroriżmu. Il-bini ta' reżiljenza jista' jsir billi l-individwi u s-soċjetà ċivili jingħataw il-ħiliet u r-riżorsi biex jifhmu u jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu. Fil-prattika, dan jista' jwassal għal, pereżempju, appoġġ u edukazzjoni għaż-żgħażagħ biex jgħinuhom jibnu sens pożittiv ta' identità u jirrikonoxxu l-perikli tan-narrattivi tat-terroriżmu.

39. Jeħtieġ li, fost l-oħrajn, nippromwovu l-edukazzjoni/it-taħriġ għaż-żgħażagħ, prinċipalment permezz ta' Skejjel u Universitajiet dwar kwistjonijiet relatati man-nazzjonalità, il-politika, it-tolleranza tar-reliġjon u nazzjonali, il-valuri demokratiċi, id-differenzi kulturali, u l-konsegwenzi storiċi ta' vjolenza istigata nazzjonalment u politikament. Il-membri tas-settur tal-edukazzjoni appoġġati minn prattikanti fil-qasam, b'mod partikolari, jista' jkollhom rwol sinifikanti billi jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet relatati mat-terroriżmu u jidentifikaw u jipprovdu appoġġ lill-individwi li jinsabu f'riskju.

**<u>Appoġġ għal inizjattivi ta' diżinvolviment</u>**

40. Bħalma hemm proċessi li permezz tagħhom individwu jsir radikalizzat u possibbilment reklutat għat-terroriżmu, hemm ukoll proċessi li permezz tagħhom individwu radikalizzat jista' jasal biex jabbanduna l-vjolenza, jitlaq minn grupp jew moviment, jew anki jiċħad fehma li tappoġġa jew tippromwovi ideoloġija estremista marbuta mat-terroriżmu.

41. L-Istati Membru għandhom jikkunsidraw it-tfassil u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' diżinvolviment u ta' ħruġ adattati għall-kultura u l-kuntest speċifiku. Dawn il-programmi għandhom jiġu evalwati mill-Istati Membri u/jew mill-pari fuq bażi regolari sabiex tkun żgurata l-effettività tagħhom.

42. L-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi fil-livell Ewropew, b'mod speċifiku dawk min-RAN, jistgħu jgħinu biex jiġu żviluppati programmi ġodda, jinkiseb għarfien u jiġu integrati mill-ġdid dawk li kienu terroristi.

**Appoġġ għal aktar riċerka dwar ix-xejriet u l-isfidi għar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu**

43. Sabiex ikun hemm rispons sostanzjali u effettiv għat-terroriżmu, ser inkomplu naħdmu biex nifhmu aħjar il-fenomenu fil-forom kollha tiegħu u b'riferiment għar-rwol li għandhom l-atturi involuti fil-proċess fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali.

44. Minbarra l-kontribut speċjalizzat mogħti mis-servizzi rilevanti kollha, hemm ammont kbir ta' letteratura u riċerka li tatna għarfien utli dwar il-muturi tar-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu, li huwa marbut ma' diversi fatturi - personali, strutturali, ideoloġiċi, politiċi, soċjetali, li jistgħu jsawru t-triq unika ta' individwu lejn ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu.

45. Minkejja dan l-għarfien u r-riċerka, għad hemm numru ta' mistoqsijiet importanti f'oqsma fejn aktar evidenza u riċerka empirika tkun utli ħafna u tgħin biex jiġu infurmati deċiżjonijiet politiċi futuri kif ukoll fil-qasam tal-istrateġiji u l-programmi ta' ħruġ.

46. Huma rrakkomandati diskussjonijiet ma' gvernijiet li ffaċċjaw din il-problema, akkademiċi, prattikanti ewlenin minn diversi oqsma, individwi vulnerabbli, dawk li kienu terroristi, NGOs u ma' vittmi tat-terroriżmu fl-Ewropa u f'pajjiżi oħra. In-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni tar-Radikalizzazzjoni (RAN) huwa wkoll forum partikolarment utli f'dan ir-rigward, kif ukoll in-"nukleu ta' għarfien" previst li jista' jservi ta' ħolqa għall-Istati Membri. L-isforzi tal-Istati Membri fid-diversi flussi ta' ħidma huma kontribut importanti ieħor u għandhom jiġu inkoraġġuti u jitkomplew.

Il-gvernijiet mill-Istati Membri għandhom bl-istess mod jirsistu biex jiżviluppaw sinerġiji għal aktar riċerka fix-xejriet tar-radikalizzazzjoni u l-evalwazzjoni ta' prattiki eżistenti. Ir-riċerka mwettqa fil-livell tal-UE, b'appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni, tista' tagħti aktar valur lill-analiżi ta' xejriet wiesgħa fir-radikalizzazzjoni u toffri risponsi possibbli.

**Allinjament ta' ħidma interna u esterna kontra r-radikalizzazzjoni**

47. L-attakki terroristiċi ppjanati kontra miri fl-Ewropa ta' spiss kellhom rabtiet barra mit-territorju Ewropew. Uħud kienu ppjanati f'pajjiżi terzi jew involvew b'mod dirett nies minn pajjiżi terzi; uħud ġew iffinanzjati esternament; ħafna minnhom involvew nies li tħarrġu barra mill-Ewropa (bħal ġellieda barranin). Attakki terroristiċi barra mill-Ewropa twettqu wkoll minn nies mill-Ewropa. It-terroriżmu domestiku u dak internazzjonali, ta' spiss, huma marbutin bis-sħiħ.

*48.* L-ideoloġija żviluppata f'pajjiżi terzi u messaġġi mxandra jew mibgħuta fl-Ewropa jista' jkollhom impatt fuq ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu fl-Ewropa. L-ivvjaġġar jista' jkun ukoll parti mill-proċess ta' radikalizzazzjoni. Numru sinifikanti ta' individwi li kienu involuti f'attivitajiet terroristiċi vvjaġġaw barra minn pajjiżhom fejn ġew influwenzati minn membri ta' organizzazzjonijiet terroristiċi. Huwa wkoll importanti li jittieħed kont ta' din l-Istrateġija kif ukoll l-Istrateġija tal-UE kontra t-Terroriżmu fl-iżvilupp tal-politiki tal-ġestjoni tal-fruntieri, inklużi politiki dwar il-viża, fil-qafas legali eżistenti tal-UE.

49. Minbarra l-approċċ lokali, reġjonali, nazzjonali u dak Ewropew li għandna li jwaqqaf in-nies milli jappoġġaw jew isiru terroristi, jeħtieġ li naħdmu fil-pajjiżi terzi u magħhom. Ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu barra mill-Ewropa huma ta' theddida għaċ-ċittadini u l-interessi Ewropej daqs kemm huma għall-pajjiż innifsu. Għaldaqstant, komponent estern huwa element kritiku għall-ħidma tagħna kontra t-terroriżmu. L-isfida hija li tiġi żgurata koerenza bejn il-ħidma tagħna kontra r-radikalizzazzjoni f'pajjiżi terzi mal-esperjenzi domestiċi tagħna, ibbażata fuq l-istat tad-dritt u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-bniedem internazzjonali, it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajbin, iżda wkoll prattiki li ma kinux ta' suċċess. Sabiex dan jiġi żgurat, huwa meħtieġ appoġġ għall-pajjiżi terzi biex isaħħu s-settur tas-sigurtà kif ukoll l-istat tad-dritt tagħhom.

50. Fin-narrattivi terroristiċi, ta' spiss jitqajmu kwistjonijiet li jikkonċernaw il-politika barranija. Fid-djalogi politiċi tagħna u l-parteċipazzjoni tagħna f'organizzazzjonijiet u fora internazzjonali, jeħtieġ li nenfasizzaw l-approċċ strateġiku tagħna u l-azzjonijiet rilevanti bħall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali kontra t-Terroriżmu tan-Nazzjonijiet Uniti u riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u nikkondividu l-għarfien. Għandna wkoll ir-rwol fil-bini tal-kapaċitajiet barra l-Ewropa, biex ngħinu lil pajjiżi terzi joħolqu u jimplimentaw il-politiki tagħhom stess għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu u kif jindirizzaw messaġġi li jappoġġaw it-terroriżmu.

51. Għandhom jiġu inkoraġġuti s-sensibilizzazzjoni tal-ħidma kontra r-radikalizzazzjoni bħala parti minn ipprogrammar tal-iżvilupp fil-livell tal-pajjiż, fejn rilevanti, kif ukoll il-kunsiderazzjoni tar-radikalizzazzjoni fl-analiżi globali tal-pajjiż bħala l-bażi tal-ipprogrammar. Dan jgħin biex, kif adatt, xi wħud mill-programmi ta' żvilupp tal-UE jiġu ffukati fuq żoni / komunitajiet ġeografiċi speċifiċi fejn ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu huma kkonċentrati ħafna.

**<u>Twettiq tal-Istrateġija</u>**

52. L-Istati Membri ser jaħdmu, individwalment u flimkien, bl-appoġġ tal-Koordinatur għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, il-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE biex titwettaq din l-istrateġija. Kemm l-Istati Membri kif ukoll l-UE għandhom jaħdmu b'mod konġunt, fost oħrajn, man-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE u l-Forum Globali kontra t-Terroriżmu biex jiżviluppaw proġetti barra mill-Ewropa f'din l-isfera.

53. L-isfida tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu hija, primarjament, ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-problemi tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu u kif jiġu miġġielda jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, iżda hemm firxa ta' elementi komuni u ftehim ġenerali li jeħtieġ li naħdmu flimkien biex nindirizzawhom, inkluż permezz ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, bħas-soċjetà ċivili, is-settur privat, u organizzazzjonijiet oħra.

54. Kif intqal qabel, din l-istrateġija tipprovdi lill-Istati Membri bil-kapaċità li jieħdu miżuri fil-livell nazzjonali, abbażi ta' fehim komuni tal-fatturi tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu u l-prinċipji u l-azzjonijiet biex jiġu miġġielda. Huma għandhom jipproċedu billi jfasslu jew jaġġornaw strateġiji nazzjonali li jqisu l-ħtiġijiet, l-objettivi u l-kapaċitajiet tagħhom billi jibnu fuq l-esperjenzi tagħhom stess u fuq ħila esperta disponibbli minn RAN u l-istituzzjonijiet tal-UE.

55. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-politiki tagħhom, jikkondividu l-informazzjoni u l-esperjenzi rigward l-isforzi biex jindirizzaw l-isfidi tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu, fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, jistabbilixxu prattiki tajbin u jikkooperaw fl-iżvilupp ta' ideat ġodda.

56. Dan ser jitlob ukoll sforz konġunt fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u dak internazzjonali. Lil hinn mill-fruntieri tal-Ewropa, l-inizjattivi jistgħu jitwettqu permezz tal-istrumenti, il-mekkaniżmi u l-proċessi li l-UE stabbiliet ma' pajjiżi individwali u organizzazzjonijiet reġjonali, inkluż permezz ta' Djalogi Politiċi bilaterali u programmi ta' għajnuna.

57. Il-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill huma mistiedna jsegwu t-twettiq ta' din l-Istrateġija.